# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH

**Kumpilazzjoni Nru. 197/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Alfredo Mangion)**

**vs**

**Christopher Micallef**

**Illum, 17 ta' Gunju, 2022**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Christopher Micallef, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 223582M, fejn gie akkuzat li nhar it-28 ta' Marzu 2019, ghall-habta tas-sitta ta' filghaxija (18:00hrs), gewwa 3, Naipaul, Flt 3, Triq il-Belt Valletta, Qormi u f'dawn il-gzejjer:

> *"1. Volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' martau Charlene Micallef (Id.59389M) skond ma iccertifikat Dr. Daniela Marino (med. Reg. No. 3835 mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana u dan bi ksur ta-artikolu 221 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*
>
> *2. Bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil martu Charlene Micallef (Id. 59389M) biza li ser tintuza vjolenza kontra taghha jew kontra il-propjeta taghha jew kontra il-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-accendenti,*

*dixxendenti, ahwa jew familjari ohra taghha u dan bi ksur tal-Artikolu 251B (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*3. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil martu Charlene Micallef (Id. 59389M) u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (1) (e) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*4.. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412C fejn tiprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil martu Charlene Micallef u r-residenza taghha kif ukoll il-postijiet li t-tali persuna tiffrekwenta."*

Rat id-dokumenti kollha pprezentati;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat li fis-seduta tal-25 ta' Mejju, 2022, Dottor Nicholas Debono ghall-kwerelanta Charlene Micallef, iddikjara li l-istess kwerelanta m'ghandhiex interess f'dan il-kaz, u qieghda tirrinunzja ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli;

Semghet fl-1 ta' Gunju, 2022, lil Charlene Micallef, li bil-gurament taghha sostniet li hija qed tirrinunzja ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli, u li ma ghandhiex interess iktar f'dan il-kaz;

Rat l-atti kollha;

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti qieset li t-tieni imputazzjoni kienet giet irtirata mill-Prosekuzzjoni.

Qieset ukoll li fir-rigward tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet, saret rinunzja da parti tal-kwerelanta dwarhom. Irrizulta izda, li l-imputat kien ammetta ghal tali tielet akkuza fil-15 ta' April, 2019, izda l-kawza kienet kompliet tinstema', in vista li kienu ghadhom qed jitressqu l-provi fir-rigward tal-imputazzjonijiet l-ohra. Ghalhekk, l-ammissjoni saret ferm qabel ma' saret ir-rinunzja tal-kwerela da parti tal-kwerelanta.

Dwar ir-raba' imputazzjoni, il-Qorti tqies li mill-provi prodotti, din giet ampjament ippruvata, b' mod partikolari meta qieset dak li xehdet il-kwerelanta, Charlene Micallef, u dak li xehed l-istess imputat, kif ukoll mill-istqarrija rilaxxata minnu stess.

**Decide**

**Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qieghda tiddikjara li:**

**(i) l-procediment huwa ezawrit fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni in vista tar-rinunzja tal-kwerelanta;**

**(ii) fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha, stante li din giet irtirata mill-Prosekuzzjoni;**

**(iii) fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, fuq ammissjoni tal-imputat, issibu hati wara li rat l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u twissih biex ma jergax;**

**(iv) fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, issib lill-imputat hati wara li rat l-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u twissih biex ma jergax.**

**Magistrat Dr. Simone Grech**

**Janet Calleja**
**Deputat Registratur**